## NOMINA TAS-SUR NEIL KERR GĦALL-ĦATRA TA' RAPPREŻENTANT PERMANENTI GĦALL-UNJONI EWROPEA

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **Tista' telabora aktar dwar il-karriera professjonali tiegħek, speċjalment mal-ħidma tiegħek fil-qasam Ewropew?**

Iddedikajt il-karriera professjonali tiegħi għall-Unjoni Ewropea u l-istrutturi relatati magħha, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali. Wara li ggradwajt fir-Relazzjonijiet Internazzjonali u l-Istudji Diplomatiċi fl-2006, bdejt naħdem fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea bħala technical attaché responsabbli mir-Riċerka, l-Innovazzjoni, l-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, u l-Isport.

Wara erba' snin irritornajt Malta, fejn bqajt naħdem f'oqsma relatati mal-Unjoni Ewropea fil-Ministeru responsabbli mill-Edukazzjoni, il-Familja, u x-Xogħol. Kont inkarigat mill-koordinazzjoni tal-ħidma tad-Direttorati li kienu jieħdu ħsieb l-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea, u fi Frar tal-2012 inħtart fil-kariga ta' Direttur.

F'Marzu tal-2013 ġejt appuntat bħala Kap tas-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea u f'Novembru tal-istess sena nħtart Deputat Rappreżentant Permanenti fir-Rappreżentanza ta' Malta għall-Unjoni Ewropea. Servejt f'din il-kariga għal kważi erba' snin, inkluż matul iż-żmien li Malta kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bejn Jannar u Ġunju tal-2017, li l-preparamenti għaliha bdew aktar minn sentejn qabel. Matul dan il-perjodu kont inkarigat mill-koordinazzjoni tal-ħidma teknika u fis-sitt xhur tal-Presidenza ppresedejt il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (l-hekk imsejjaħ COREPER 1). Hawnhekk, kelli wkoll il-privileġġ li nirrappreżenta lill-Kunsill fin-negozjati mal-Parlament Ewropew fuq dawk il-liġijiet li kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' dan il-kumitat, u rnexxielna nilħqu qbil fuq sitta u għoxrin liġi ġdida.

Imbagħad, f'Settembru tal-2017, isseħibt fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri bħala Kap tal-Kabinett tal-Membru Malti fil-Qorti, kariga li okkupajtha sakemm irritornajt lura Malta f'Ottubru tal-2018 biex inservi bħala Direttur Eżekuttiv fil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Parti minn dil-kariga kienet tinkludi li naqdi dmirijiet bħala Project Leader tal-ikbar proġett iffinanzjat mill-fondi ta' koeżjoni li qatt kellha Malta. Barra minn hekk, irrappreżentajt lil-Korporazzjoni fl-Assemblea Ġenerali tal-Federazzjoni Ewropea tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali għas-Servizzi tal-Ilma, u anke kelli l-privileġġ li niġi elett fil-Kumitat Eżekuttiv tal-istess Federazzjoni.

F'Diċembru tal-2019 bdejt naħdem fil-Kummissjoni Ewropea. Wara sentejn inservi bħala Kap tal-Kabinett tal-Kummissarju Maltija, ingħaqadt mas-Servizz ta' Konsulenza tal-President tal-Kummissjoni, fejn qiegħed inservi bħala Konsulent.

2. **Kemm tarah importanti l-irwol tar-Rappreżentanza Permanenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea għal pajjiżna?**

Ir-Rappreżentanza Permanenti għandha rwol kruċjali fil-mod kif Malta hija rrappreżentata fid-diversi negozjati u diskussjonijiet li jsiru fi ħdan l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni

Ewropea. Trid tiżgura li l-pożizzjoni tal-Gvern titmexxa 'l quddiem u li l-interess nazzjonali jiġi ssalvagwardjat fid-diversi livelli ta' laqgħat fejn il-pajjiż għandu l-obbligu jew id-dritt li jkun irrappreżentat skond kif stabbilit mill-isħubija tagħna fl-Unjoni.

Ir-Rappreżentanza Permanenti għandha l-kompitu li tiġbor u tgħaddi l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex min ikun qed jiddetermina u jistabbilixxi l-pożizzjoni li l-pajjiż ikun se jieħu fid-diskussjonijiet rispettivi jagħmel dan fid-dawl tal-aħħar żviluppi madwar l-Unjoni. Huwa essenzjali li l-informazzjoni tingħadda b'mod kontinwu sabiex il-pożizzjoni nazzjonali tkun aġġornata matul l-istadji kollha tan-negozjati fuq il-proposti kollha li jkunu qed jiġu diskussi.

### 3. Xi sfidi prinċipali ewlenin tara?

Il-punt tat-tluq irid ikun li r-realtajiet ta' Malta għandhom iservu sabiex inkunu nistgħu ndawru l-isfidi f'opportunitajiet. Il-mod kif titħaddem is-sistema tal-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea għandu jkun flessibbli u aġli biżżejjed sabiex naġixxu fil-ħin u l-waqt opportun. Is-sistema għandha tiżgura li nkunu f'pożizzjoni li nantiċipaw dak li jkun se jiġi propost biex naċċertaw li l-għanijiet, kif ukoll il-metodu, ikunu dawk mixtieqa. Dan għandu jgħin lill-pajjiż sabiex jibda n-negozjati mill-aktar punt vantaġġjuż.

Matul l-aħħar mandat rajna żieda fit-tendenza li jinħarġu proposti leġiżlattivi li jkunu iktar orizzontali fl-iskop tagħhom, u allura jkunu se jaffettwaw numru ikbar ta' oqsma. F'dan il-każ, ikun jeħtieġ sforz ikbar biex niżguraw li l-messaġġ politiku jkun koerenti u konsistenti fl-oqsma rispettivi.

Naf li jeżistu limitazzjonijiet relatati ma' nuqqas ta' riżorsi, b'mod partikolari meta mqabbel ma' pajjiżi membri ikbar minna. Fl-aħħar mill-aħħar, dan ifisser li rridu naħdmu iżjed biex nagħmlu l-istess volum ta' xogħol. Dan jitlob li nagħmlu użu aħjar mir-riżorsi li għandna u li nkunu organizzati fil-mod kif inħaddmu s-sistemi tagħna. Huwa essenzjali li ninvestu biex ngħammru n-nies fis-settur bl-aqwa ħiliet u kompetenzi. Billi nkunu strateġiċi fil-mod kif naħdmu filwaqt li nintervjenu fil-mument u l-livell opportun, niżguraw li nkunu effettivi.

### 4. Tara li hemm ħtieġa ta' tibdiliet li jistgħu jsiru fuq livell Ewropew biex pajjiżna jkun aktar aġġornat u, fl-aħħar mill-aħħar, aktar issalvagwardjat?

Riċentement, il-pożizzjoni ta' Malta fix-xena diplomatika internazzjonali ġiet elevata b'mod sinifikanti, partikolarment fin-Nazzjonijiet Uniti u fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. Għandna nkomplu nagħmlu dan fir-relazzjonijiet diplomatiċi kollha, inklużi dawk relatati mal-Unjoni Ewropea. L-interessi ta' pajjiżna jinqdew bl-aħjar mod meta nkunu involuti fi rwol ta' tmexxija. Kif intwera dan l-aħħar, kif ukoll fil-passat, id-daqs m'għandux jillimitalna l-ambizzjoni fl-avvanz tal-pożizzjoni u l-interessi tagħna.

### 5. Kif jistgħu jissaħħu r-relazzjonijiet ta' pajjiżna fuq livell Ewropew? Tara li hawn nuqqas ta' għarfien dwar il-ħidma li jwettaq l-Uffiċċju Permanenti li jirrappreżentana bħala pajjiż fl-Unjoni Ewropea?

Hemm diversi modi u opportunitajiet kif il-ħidma ta' Malta tista' tissaħħaħ fuq livell Ewropew. Ir-Rappreżentanza Permanenti għandha tiżgura li, b'mod kontinwu u b'mod strateġiku, isiru l-interventi li jkun hemm bżonn fil-livelli rispettivi u f'waqthom. Dawn l-interventi għandhom isiru mhux biss mal-interlokuturi differenti fl-istituzzjonijiet differenti, imma anke ma' Membri oħra tal-Kunsill u, daqstant ieħor importanti, ma' stakeholders oħra li wkoll għandhom rwol fil-proċess leġiżlattiv. Għandna nagħmlu l-aħjar użu mill-gruppi ta' pajjiżi hekk imsejħa 'like-minded' biex nibnu alleanzi strateġiċi u nsawru maġġoranzi politiċi.

Il-Parlament Ewropew għandu jingħata l-attenzjoni dovuta. Għandna niżguraw li jkollna djalogu kontinwu ma' dawk il-Membri tiegħu li, b'xi mod, il-ħidma tagħhom taffettwa lil Malta, u viċiversa.

Jeżisti lok li jkollna sehem proattiv fil-komunità tat-think tanks. Għandna nirrikonoxxu r-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika fuq livell Ewropew u nistgħu nibbenefikaw minn relazzjoni u kuntatt aħjar magħhom sabiex inkunu iktar effettivi.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Rappreżentanza Permanenti għandha tiżgura li tikkomunika dwar ix-xogħol li jkun qed isir, b'mod partikolari kif dan ix-xogħol ikun qed jissarraf f'benefiċċji għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari dawk Maltin. Ir-relevanza ta' dan l-aspett tiżdied hekk kif il-fenomenu tad-diżinformazzjoni qiegħed kulma jmur dejjem jikber. Jenħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni ma' setturi oħra, kemm governattivi kif ukoll mhux governattivi, biex jiġi żgurat li l-messaġġ jitwassal b'mod fattwali u effettiv sabiex nevitaw li jiġi sfruttat minn forzi politiċi estremi, kif qed jesperjenzaw pajjiżi oħra madwar l-Unjoni.

6. **Kemm-il darba tkun approvat x'se jkunu l-prijoritajiet tiegħek?**

Għandna nagħtu prijorità lit-tisħiħ tal-operat internament, sabiex nantiċipaw esternament u ninvestu fil-futur.

Bħalissa qegħdin fil-bidu ta' ċiklu politiku Ewropew ġdid fejn il-Kummissjoni Ewropea se tibda toħroġ bi proposti skond il-pjanijiet ta' ħidma differenti. B'mod partikolari, il-ħidma tar-Rappreżentanza Permanenti għandha tkun iggwidata mil-linji gwida politiċi li permezz tagħhom, f'Lulju li għadda, il-President tal-Kummissjoni reġgħet ġiet fdata fil-kariga għal mandat ġdid mill-Parlament Ewropew. Sa mill-bidu nett irridu niżguraw li nantiċipaw dak li jkun se jiġi propost biex, kif semmejt fir-risposta għat-tielet mistoqsija, naċċertaw li l-għanijiet, kif ukoll il-metodu, ikunu dawk mixtieqa.

Ir-riżorsi umani huma l-iktar riżorsa importanti li għandna. Għaldaqstant, irridu niżguraw li kull min hu involut fis-settur tal-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea jħoss li jagħmel parti minn team, u li qed jikkontribwixxi lejn l-avvanz ta' dak it-team.

7. **Tara li hemm xi materja jew kunflitti ta' interess li jista' jkollok f'dan l-irwol il-ġdid**?

Mhu se jkolli l-ebda negozju jew impjieg lil hinn minn dan ir-rwol.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Kif tiddeskrivi l-irwol bħala Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea?**

Apparti mir-rwol ġenerali tat-tmexxija tar-Rappreżentanza Permanenti, ir-Rappreżentant Permanenti jirrappreżenta lil Malta f'wieħed miż-żewġ kumitati ta' ambaxxaturi (l-hekk imsejjaħ COREPER 2). Dan il-kumitat jitlaqqa' regolarment (mill-inqas darba fil-ġimgħa) u jikkoordina l-ħidma tal-Kunsilli tal-Affarijiet Barranin, tal-Affarijiet Ġenerali, tal-Ekonomija u l-Finanzi, u tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, ir-Rappreżentant Permanenti għandu r-rwol li jeskala kwistjonijiet internament (fuq livell nazzjonali) kif ukoll mal-istituzzjonijiet skond kif ikun meħtieġ.

2. **X'inhuma l-pjanijiet tiegħek bħala Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea?**

Ara r-risposta numru 6, iktar 'il fuq.

3. **Xi sfidi tara quddiemek fi ħdan dan l-irwol?**

Ara r-risposta numru 3, iktar 'il fuq.

4. **X'taħseb li għandhom ikunu l-kisbiet bħala Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea?**

Il-kisbiet qatt ma jkunu ta' persuna waħda, imma jirriflettu l-ħidma ta' team sħiħ. F'dan il-każ, it-team jinkludi lil dawk kollha li jaħdmu speċifikament fuq l-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea: fil-Ministeri rispettivi, fid-Dipartiment ta' Koordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea, jew fir-Rappreżentanza Permanenti.

Ir-Rappreżentant Permanenti għandu jiżgura li t-team ikollu l-ogħla livelli ta' motivazzjoni u jkun fl-aħjar pożizzjoni biex jiddefendi u jippromwovi l-interess nazzjonali. Kollettivament, it-team għandu jaspira li jkun effettiv kemm jista' jkun. Is-sistema kollha għandha taħdem sabiex iġġib ir-riżultati meħtieġa u jintlaħqu l-miri tal-pajjiż fis-setturi differenti. Ir-Rappreżentanza Permanenti trid tiżgura li taqdi r-rwol tagħha f'dan ir-rigward.

5. **Kif tiddeskrivi l-qagħda bħalissa bejn pajjiżna u l-Unjoni Ewropea?**

Bħalissa ninsabu f'mument partikolari li jiġri kull ħames snin fl-istrutturi tal-Unjoni Ewropea, fejn qed jibda ċiklu politiku ġdid. Il-President tal-Kunsill Ewropew għadu kif inbidel, il-Kummissjoni Ewropea għadha kif bdiet mandat ġdid, filwaqt li l-Parlament Ewropew beda terminu ġdid iktar kmieni din is-sena. Issa huwa l-mument meta rridu nibdew nibnu relazzjonijiet mad-diversi oqsma tat-tmexxija politika ġdida.

Wieħed irid ukoll iħares mill-qrib lejn kif il-forzi politiċi fuq livell Ewropew qegħdin u se jkunu qed jimpattaw mhux biss fuq il-kompożizzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej imma ukoll fuq kif se jibdew jinbnew maġġoranzi politiċi, b'mod partikolari fil-Parlament Ewropew.

Kif imsemmi fir-risposta għall-mistoqsija numru 5 iktar 'il fuq, irridu nkattru r-relazzjonijiet tagħna mal-Membri l-oħra tal-Kunsill, speċjalment f'dawk l-oqsma li huma meqjusa bħala ta' importanza nazzjonali.

6. **X'karigi oħra biħsiebek tkompli tokkupa jew tassumi f'każ li tiġi maħtur bħala Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea?**

Din il-kariga teħtieġ l-attenzjoni totali ta' min jokkupaha. Għaldaqstant, m'iniex beħsiebni nokkupa karigi oħra jew nassumi rwoli ħlief dawk relatati mal-pożizzjoni.

7. **Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex se joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur bħala Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea?**

M'għandi l-ebda attivitajiet kummerċjali, u mhux se jkolli sakemm indum nokkupa l-kariga.